# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar it-Tnejn 3 ta' Lulju, 2017**

**Rikors Numru : 168/2017JPG**
**Kawza Numru: 24**

**Joseph Gialanze u martu Maria Carmela sive Carmen Gialanze**

**VS**

**Barjola (Real Estate) Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti Joseph Gialanze [detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 668044(M)] u ta' martu Maria Carmela sive Carmen Gialanze [detentriċi tal-karta ta' l-identita' bin-numru 490653(M)] datat 22 ta' Frar 2017, li jaqra hekk:

1. *Illi permezz ta' skrittura privata datata sbatax (17) ta' Frar tas-sena elfejn u għaxra (2010), il-konvenuta intrabtet li tbiegħ, tassenja u tittrasferixxi lill-atturi, li obbligaw ruħhom li jaċċettaw, jixtru u jakkwistaw mingħand il-konvenuta, ħames porzjonijiet ta' art ossia plot bin-numru erbgħa u sittin (64) tal-kejl ta' mija tlieta u tletin punt sitta metri kwadri (133.6 m.k.), plot bin-numtu ħamsa u sittin (65) tal-kejl ta' mija tlieta u tletin punt sitta metri kwadri (133.6 m.k.), plot*

*bin-numru sitta u sittin (66) tal-kejl ta' mija tlieta u sittin punt sitta metri kwadri (163.6 m.k.), plot bin-numru tmienja u tmenin (88) tal-kejl ta' mija tmienja u għoxrin punt wieħed metri kwadri (128.1 m.k.), u plot bin-numru disgħa u tmenin (89) tal-kejl ta' mija u tlettax punt sebgħa metri kwadri (113.7 m.k.), kif ukoll b'nofs il-wisgħa tat-triq proġġettata quddiem l-imsemmija porzjonijiet, ilkoll kif aħjar deskritti fl-imsemmija skrittura privata.*

2. *Illi l-atturi ħallsu lill-konvenuta s-somma ta' ħamsa u ħamsin elf disa' mija u ħames Ewro (€55,905) akkont tal-prezz miftiehem fuq l-imsemmija skrittura privata.*

3. *Illi l-wegħda ta' bejgħ-u-xiri konkluża permezz ta' l-iskrittura privata tas-sbatax (17) ta' Frar tas-sena elfejn u għaxra (2010) ġiet prorogata diversi drabi, sakemm tħalliet tiskadi mingħajr ma twettqet fit-tletin (30) t'Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012).*

4. *Illi l-konvenuta kienet u għadha konsegwentement obbligata li tirrifondi s-somma ta' ħamsa u ħamsin elf disa' mija u ħames Ewro (€55,905) lill-atturi.*

5. *Illi minkejja li l-konvenuta ġiet interpellata diversi drabi biex tħallas, baqgħet dejjem inadempjenti.*

6. *Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

7. *Illi sa fejn jafu l-atturi, il-konvenuta m'għandha ebda eċċezzjonijiet x'tista' tagħti kontra t-talbiet tagħhom.*

8. *Illi l-attur Joseph Gialanze jiddikjara li jaf bil-fatti suesposti kollha personalment.*

*Għaldaqstant u għar-raġunijiet kollha hawn fuq premessi, l-atturi qiegħdin umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti, previa kull dikjarazzjoni jew provvedimenti li jkunu jidhrulha opportuni, jogħġobha:*

*(1) tisma' u tiddeċiedi t-talbiet ta' l-atturi bid-dispensa tas-smiegħ billi jikkonkorru l-elementi kollha meħtieġa skont l-Artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;*

*(2) tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-atturi s-somma ta' ħamsa u ħamsin elf disa' mija u ħames Ewro (€55,905).*

*Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-mandat ta' qbid u tal-mandat ta' sekwestru intavolati kollha kontestwalment mal-preżenti, u bl-imgħaxijiet kummerċjali dekorribbli mill-ewwel (1) ta' Novembru tas-sena elfejn u tnax (2012) sal-jum tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuta, u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni tar-rappreżentanti tal-konvenuta fi proċeduri ġudizzjarji.*

*B'riserva għal kull azzjoni oħra spettanti lill-atturi skont il-liġi."*

Rat id-digriet taghha tal-24 ta' Frar, 2017 fejn appuntat il-kawza ghas-16 ta' Marzu, 2017;

Rat in-nota ta' ammissjoni tas-societa' intimata datata 16 ta' Gunju 2017 (a fol 16);

Rat illi l-atti tar-rikors, digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

In vista tal-ammissjoni tas-societa intimata a fol 16, il-Qorti tqis illi t-talbiet tar-rikorrent huma fondati u ghandhom jintlaqghu.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, u tiddikjara illi s-socjeta ntimata hija debitrici tar-rikorrenti fis-somma ta' hamsa u hamsin elf Ewro (€55,905), u tikkundanna lill-istess socjeta ntimata thallas lir-rikorrenti is-somma ta' hamsa u hamsin elf Ewro (€55,905) lir-rikorrent, bl-imghax mid-data tal-

ahhar notifika tar-rikors guramentat, u cioe  t-18 ta' April 2017 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta ntimata.

**Moqrija**

**Mhallef  Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**